# QORTI TAL-APPELL

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2019**

**Kawża Nru 1**

**Rikors Numru 933/06/2 AF**

**Joseph u Maria Carmela konjuġi Spiteri**

**v.**

**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika li b'digriet tal-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2007, il-Qorti laqgħet it-talba u tordna li l-kliem "Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika" jiġi sostitwit bil-kliem "Tabib Prinċipali tal-Gvern"; Onorevoli Ministru responsabbli għas-Saħħa; Onorevoli Ministru responsabbli għall-Kompetittività; Onorevoli Prim Ministru; u l-Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti:

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' April, 2018, li bih l-appellati Joseph u Maria Carmela miżżewġin Spiteri (aktar 'il quddiem imsejħin "ir-rikorrenti") għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tħassar is-

sentenza mogħtija minnha fis-26 ta' Jannar, 2018, u terġa' tisma' l-appell għall-finijiet tal-artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat it-Tweġiba mressqa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-intimat ritrattat") fis-16 ta' Mejju, 2018, li biha u għar-raġunijiet minnu hemm imfissra, qal li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

3. Rat in-Noti tal-20 ta' Novembru, 2018[1] li bihom is-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef Joseph Azzopardi u l-Onor Imħallef Tonio Mallia astjenew milli jibqgħu fil-kawża u r-Rikors tħalla għad-debiti surrogi;

4. Rat is-surroga tas-26 ta' Novembru, 2018[2], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa kostitwita;

5. Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2018;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-22 ta' Jannar, 2019;

[1] Paġġ. 384 – 5 tal-proċess
[2] Paġ. 386 tal-proċess

7. Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza

***Ikkunsidrat:***

8. Illi dan huwa rikors għar-ritrattazzjoni ta' smigħ ta' appell wara sentenza (aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza attakkata") mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta li permezz tagħha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-appell tal-intimat ritrattat u sabet li l-azzjoni tar-rikorrenti kienet waqgħet bl-għeluq taż-żmien tas-sitt xhur maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk ħassret is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 2015, bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

9. Illi r-rikorrenti jħossu li hemm lok għar-ritrattazzjoni ta' l-imsemmi appell in bażi għal dak maħsub fil-paragrafi (e) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi biex is-sentenza tallum tinftiehem aħjar, il-Qorti jidhrilha xieraq li ġġib is-sentenza attakkata;

11. Illi dik is-sentenza tgħid hekk:

> "*Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat mill-konjugi Spiteri fit-13 ta' Ottubru, 2006, li permezz tieghu nghad:*

*"Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond bl-isem ta' 'Norcynthjos' fi Triq Analija, San Pawl il-Bahar (dan kif jirrizulta mill-kuntratt hawn anness u mmarkat Dokument 'A').*

*"Illi fis-6 ta' Novembru 1995, ir-rikorrenti applikaw fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha ghall-hrug tal-permess sive licenzja rikjesta ghall-ftuh u operat ta' spizerija fl-imsemmi fond bl-isem ta' 'Norcynthjos' fi Triq Analija, San Pawl il- Bahar.*

*"Illi permezz tal-Avviz Legali numru 117 tas-sena 1996, ir-Regolamenti dwar Licenzji ghall-Ispizeriji mahrugin taht l-Att dwar il-Medicini (Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta) gew emendati billi thassar ir-Regolament numru 5 tal-istess u b'hekk tnehhew ghal kollox ir-restrizzjonijiet ghall-hrug tal-istess licenzji marbutin man-numru tal-istess f'Malta u Ghawdex.*

*"Illi ghaldaqstant, l-applikazzjoni tar-rikorrenti tikkonforma mar-regolamenti u d-dispozizzjonijiet kollha tal-ligi dwar il-hrug ghal-licenzji ghall-ftuh u operat ta' spizeriji.*

*"Minkejja dan, id-Dipartiment tas-Sahha Pubblika unilateralment, abbuzivament, b'mod ghal kollox arbitrarju u minghajr ebda bazi fil-fatt u/jew fid-dritt, impona friza fuq il-hrug ta' licenzji godda ghall-ftuh u operat ta' spizeriji u dan kif konfermat permezz tal-ittra datata 11 ta' Ottubru 2005 (hawn annessa u mmarkata Dok. 'B').*

*"Illi r-rikorrenti applikaw ukoll fi hdan l-Awtorita' ghall-Ippjanar u l-Izvilupp ghall-bdil tal-uzu tal-fond surreferit minn wiehed ta' garaxx/residenzjali ghal wiehed ta' spizerija u fl-14 ta' Settembru 2005, inhareg l-imsemmi permess ghall-bdil ta' uzu (hawn anness u mmarkat Dok. 'C').*

*"Illi ghaldaqstant, ma hemm ebda ligi li taghti xi setgha biex l-esponenti jkunu mfixklin b'dan il-mod fit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom, u ukoll ghal zmien indeterminat, u ukoll ma tezisti ebda raguni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt li jiggustifika n-nuqqas min-naha tal-intimati jew min minnhom li jipprocessaw u konsegwentement johorgu l-imsemmija licenzja bil-konsegwenza li l-istess rikorrenti gew effettivament privati mill-proprjeta' taghhom minghajr kumpens.*

*"Illi inoltre, l-agir tal-intimati jew min minnhom jivvjola d-dritt ghall-protezzjoni mill-privazzjoni tal-proprjeta' taghhom minghajr kumpens kif sancit fl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ratifikata permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*"Illi l-istess agir tal-intimati jivvjola u/jew jhedded ukoll id-drittijiet socjali tal-esponenti fosthom id-dritt fundamentali tal-bniedem ghax-xoghol u li jaqla' l-ghajxien tieghu u ukoll il-principju fundamentali tal-*

*ordinament Malti u ta' dak Ewropew, tas-suq liberu u tal-kompetittivita' ai termini tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropea u dan kif konfermat ukoll permezz tad-decizjoni moghtija mill-Ombudsman ai termini tal-Art. 22 tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385 tal-Ligijiet ta' Malta) [kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'D'] u ghalhekk ukoll l-istess agir tal-intimati jew min minnhom huwa llegali u abbuziv.*

*"Illi minkejja d-decizjoni tal-Ombudsman kif surreferit u minkejja ukoll l-interpellazzjoni maghmula sussegwentement permezz tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Gunju 2006 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'E') ghall-ipprocessar u hrug immedjat u minghajr dewmien tal-licenzja surreferita l-intimati jew min minnhom baqghu inadempjenti.*

*"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*"(i) Tiddikjara li l-agir tal-intimati jew min minnhom jivvjola d-dritt fundamentali tal-esponenti kif sancit fl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ratifikata permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u/jew;*

*"(ii) Tiddikjara li l-agir tal-intimati jew min minnhom jivvjola l-principji generali tal-ligi Ewropea fosthom id-dritt fundamentali tal-bniedem ghax-xoghol u li jaqla' l-ghajxien tieghu u ukoll il-principju fundamentali tas-suq liberu u tal-kompetittivita' ai termini tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropea u/jew;*

*"(iii) Tiddikjara li l-agir tal-intimati jew min minnhom huwa ultra vires in kwantu mhux awtorizzat li jitwettaq u/jew jikkostitwixxi abbuz tas-setgha billi dan sar ghall-ghanijiet mhux xierqa u/jew issejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u/jew imur mod iehor kontra l-ligi; u*

*"(iv) Taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji u li jghoddu ghall-kaz u taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi ukoll waqt li tkun ghadha miexja l-kawza ghall-harsien tad-dritt tieghu u dan ukoll billi tordna lill-intimati jew min minnhom jipprocessaw u johorgu l-licenzja ghall-ftuh u operat ta' spizerija fil-proprjeta' taghhom bl-isem ta' 'Norcynthjos' fi Triq Analija, San Pawl il-Bahar, u inoltre taghtihom kumpens ghall-ksur tad-drittijiet taghhom."*

*Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:*

*"Illi preliminarjament, ir-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha hija fdata f'idejn it-Tabib Principali tal-Gvern u in-nomenklatura "Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika" ma tezistix.*

*"Illi preliminarjament ukoll, il-Ministru tas-Sahha u l-Ministru ghall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni, il-Prim Ministru u l-Avukat Generali*

*gew imharrka inutilment u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'humiex il-legittimi kontraditturi ghall-azzjoni fit-termini tal-Artikolu 181 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni vantat mir-rikorrenti hija preskritta bit-trapass ta' aktar minn sitt xhur mid-data tal-komunika tad-decizjoni mid-Dipartiment tas-Sahha lir-rikorrenti u dan ai termini tal-Artikolu 469 (A) (3) tal-Kap. 12.*

*"Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija dekaduta bit-trapass ta' aktar minn sitt xhur mid-data tal-komunika tad-decizjoni mid-Dipartiment tas-Sahha lir-rikorrenti u dan ai termini tal- Artikolu 469 (A) (3) tal-Kap. 12.*

*"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi d-diskrezzjoni da parti tal-intimat giet ezercitata korrettement u fil-parametri kollha permessi mil-ligi u dan a bazi tal-konsiderazzjonijiet rilevanti.*

*"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-agir tal-intimat Tabib Principali tal-Gvern bl-ebda mod ma jilledi d-dritt tar-rikorrenti illi jgawdu l-proprjeta' taghhom stante illi l-proprjeta' in kwistjoni ghadha fil-pussess tar-rikorrenti u huma fil-liberta' illi jizviluppawha kif jidhrilhom xieraq. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-ghoti ta' licenzja huwa dejjem suggett ghad-diskrezzjoni tal-Awtorita' kompetenti. Il-licenzja ma hix dritt ta' min japplika ghaliha u ghalhekk hadd ma jista' jippretendi li ttehidlu l-proprjeta' billi ma tkunx inhargitlu licenzja.*

*"Illi l-fatt li l-esponenti ghazel li jezercita d-dritt li taghtih il-ligi fl-ghoti ta' licenzji bl-ebda mod ma jista' titqies li jivvjola b'xi mod id-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu peress illi l-esponenti ghandu kull dritt li jaghmel il-kundizzjonijiet kollha li jidhirlu hu u dan dejjem fl-interess pubbliku u fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva li taghtih il-ligi, liema diskrezzjoni qed jigi sottomess li f'dan il-kaz giet u qed tigi ezercitata fil-parametri permessi mill-istess ligi u partikolarment tal-Konvenzjoni Ewropea li l-kontroll tal-uzu tal-proprjeta' u l-Kostituzzjoni.*

*"Salv eccezzjonijiet ohra".*

*"Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Frar, 2012, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm spjegati, filwaqt li lliberat lill-Ministru tas-Sahha, Kompetittività u Komunikazzjoni, lill-Prim Ministru u lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza a tenur tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lit-Tabib Principali tal-Gvern sabiex jezercita dik id-diskrezzjoni moghtija lilu bil-ligi, b'dan illi wara li tittiehed dik id-decizjoni, dik l-Qorti tkun*

*f'pozizzjoni li tindaga ulterjorment it-talbiet tar-rikorrenti, ordnat lit-Tabib Principali tal-Gvern sabiex fi zmien xahar jinformaha permezz ta' nota fir-Registru dwar id-decizjoni tieghu. Bl-ispejjez tal-kawza sa dak l-istadju jithallsu mill-intimat Tabib Principali tal-Gvern.*

*"Dik il-Qorti waslet ghal dawk il-konkluzjonijiet, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"Ir-rikorrenti f'din il-kawza applikaw mad-Dipartiment tas-Sahha ghall-hrug ta' licenzja biex tinfetah spizerija fil-fond proprjeta' taghhom a tenur tal-Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intimati, minbarra eccezzjonijiet ta' natura preliminari, isostnu li l-agir taghhom ma jilledi ebda dritt tar-rikorrenti. Isostnu li d-Dipartiment koncernat ghandu kull dritt jaghmel il-kundizzjonijiet li jidhirlu ghall-hrug tal-licenzji ta' spizeriji.*

*"Provi*

*"Jirrizulta illi fl-1995, ir-rikorrenti kien applika biex jinghata licenzja sabiex jopera spizerija. Fl-14 ta' Settembru 2005, huwa ottjena fir-rigward, il-permess mill-MEPA ghall-bidla fl-uzu tal-fond minn garage ghall-spizerija. Fil-11 ta' Ottubru 2005, huwa gie infurmat mid-Dipartiment tas-Sahha li l-applikazzjoni tieghu ma tistax tigi kkunsidrata ghaliex kien hemm "administrative freeze" fir-rigward tal-licenzji tal-ispizeriji. Huwa kien irregistra ilment mal-Ombudsman li, f'Mejju 2006, li fir-rapport tieghu, ghalkemm sahaq li l-permess moghti mill-MEPA kien dejjem kundizzjonat ghall-hrug ta' licenzja mill-awtoritajiet tas-sahha, kien irrakkomanda li tinstab soluzzjoni ghall-hekk imsejha "freeze". Meta baqghet ma ttiehdet ebda decizjoni, ir-rikorrenti intavola dawn il-proceduri.*

*"Konsiderazzjonijiet*

*"Din hija kawza dwar stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv skond kif tipprovdi l-ligi fl-Art. 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-principji li jirregolaw dan l-istharrig huma ormai sew radikati fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati.*

*"Fil-kawza "Borg vs Gvernatur tal-Bank Centrali" (deciza fl-1 ta' Marzu 2004), il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:*

*"Illi llum huwa aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġiba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa li tingħata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-għamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-aħħar ipoteżi, dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirriżulta meta*

*l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita', għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għamil, tkun naqset li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għamil, jew jekk l-għamil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l- awtorita' billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għamil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għamil", il-liġi tifhem ukoll ċaħda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika."*

*"Inghad fl-istess kawza illi:*

*"Illum il-ġurnata, l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema proċedurali tagħna u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-liġi tipprovdi għal din l-għamla ta' stħarriġ, sakemm il-liġi nnifisha ma tipprovdix mod ieħor."*

*"To say that somebody has a discretion presupposes that there is no uniquely right answer to his problem. There may, however, be a number of answers that are wrong in law. The exercise of a discretion may be impugned directly or indirectly. The indirect method of challenge is the more common. A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings. The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided" (De Smith and Evans – Judicial Review of Administrative Action).*

*"Dan stabbilit, il-Qorti ser tiddisponi l-ewwelnett mill-eccezzjonijiet ta' natura preliminari li bihom, l-intimati jilqghu ghall-kawza.*

*"Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni u cioe' dik tan-nomenklatura tat-Tabib Principali tal-Gvern, il-Qorti tirreferi ghad-digriet taghha tal-31 ta' Jannar 2009, li permezz tieghu, laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-bidla fl-isem tal-intimat. Ghalhekk m'hijiex ser tikkonsidra aktar din l-eccezzjoni.*

*"Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni, il-Qorti tirreferi ghall-Artikolu 181B tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdi illi:*

*"181B (1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."*

*"Fil-fehma tal-Qorti, il-Ministru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita', mhux moghti l-poter mitlub mir-rikorrenti ghax l-unika Awtorita' vestita bid-diskrezzjoni ghall-hrug ta' licenzji bhal dik mertu ta' din il-kawza hija l-Awtorita' dwar il-Licenzjar illi effettivament hija t-Tabib Principali tal-Gvern. Il-fatt li l-Ministru huwa responsabbli ghar-regolamenti dwar spizerija ma jwassalx ghall-fatt li l-licenzji jaghtihom hu" ("Reginald Fava et vs Awtorita' dwar il-Medicini et", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 2011).*

*"Fil-kuntest, ghalhekk, il-Qorti tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Ministri tas-Sahha, Kompetittivita' u Komunikazzjoni, lill-Prim Ministru u lill-Avukat Generali.*

*"L-intimati jeccepixxu ukoll il-preskrizzjoni ta' sitt xhur a tenur tal-Art. 469A(3) tal-Kap. 12 u, simultanjament id-dekadenza a tenur tal-istess artikolu. Il-Qorti m'hijiex ser toqghod tinhela fuq l-ezercizzju hawnhekk purament akkademiku dwar id-distinzjoni bejn dekadenza u preskrizzjoni. Kien ghall-intimati nnifishom jaghzlu liema istitut jinvokaw. Fil-fatt invokawhom it-tnejn. Dan qed jinghad ghaliex, ghalkemm il-fuq imsemmi artikolu jimponi l-perjodu ta' sitt xhur mill-ghemil ilmentat, fil-kaz in ezami, dan l-ghemil huwa kontinwu u perdurat, stante li essenzjalment huwa nuqqas ta' azzjoni da parti tal-intimati, il-pern tal-ilment tar-rikorrenti. Ghalhekk, din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.*

*"Rigward il-mertu, Mark Cilia, Direttur tal-Ispettorat fi hdan l-Awtorita' tal-Medicini, xehed hekk meta kontro-ezaminat:*

*"Diment li kien hemm l-administrative freeze, l-applikazzjonijiet ma kinux qed jigu processati. Sa fejn naf jiena, il-freeze kienet amministrattiva u ma kienx hemm xi avviz legali li jissanciha. Qed nigi mistoqsi jekk permezz tal-avviz legali numru 117/96, gewx liberalizzati l-licenzji tal-ispizeriji, dan kien l-avviz li emenda l-pharmacy licensing regulations. Mill-avviz legali kien tnehha d-demographic ratio. L-applikazzjoni tas-Sur Spiteri ma gietx processata, bhal ma gewx processati applikazzjonijiet ohra minhabba l-freeze amministrattiva."*

*"Ghalhekk, jirrizulta li dak li effettivament gara fil-konfront tar-rikorrent, kien li l-intimat, inkarigat mil-ligi biex jezercita d-diskrezzjoni tieghu fl-ipprocessar ta' licenzji, ghazel li ma jezercitax id-diskrezzjoni lilu moghtija. Ma gab ebda raguni ghaliex sar hekk. Ma kien hemm ebda bazi legali ghal dan in-nuqqas ta' azzjoni.*

*“Fil-kawza fuq citata, “Borg vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta’ Malta”, il-Qorti tal- Appell, meta kkonfermat is-sentenza tal-Prim’Awla, irreferiet testwalment ghal dan il-bran.*

*“Illi kien ghalhekk li, mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija moghnija b’diskrezzjoni tista’ tigi ordnata tezercitaha f’kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x’ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b’xi mod partikolari. Biex jigi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwistjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil ta’ l-ebda haddiehor jew bla ma poggiet lilha nnifisha f’qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita` mistharrga m’ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, jew jekk ghamlitx xi haga li ma kienitx awtorizzata taghmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistharrga trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategorij fid-Dritt Amministrattiv ta’ nuqqas ta’ ezercizzju ta’ diskrezzjoni u ta’ eccess jew abbuz ta’ dak l-ezercizzju.”*

*“Huwa precizament dak li sar fil-kaz in ezami. Kien biss fix-xhieda tal-fuq imsemmi Direttur li gie zvelat illi, ghalkemm issa spiccat il-freeze, regghet telghet ghall-konsiderazzjoni, l-applikazzjoni tar-rikorrenti.*

*“Fil-lokalita` fejn applika s-Sur Spiteri hemm popolazzjoni ta` 16528 u hemm 7 spizeriji licenzjati, ma hemm lok ghal spizerija ohra. Lanqas ma hija l-applikazzjoni next in line cioe` li jmiss jekk ikun hemm post ghal licenzja ohra. Hemm hafna kundizzjonijiet ohra ghal hrug tal-licenzja ta` spizerija. Id-distanza minn spizerija ohra, min hu s-sid peress illi ma jistax ikun tabib etc. Fil-konsiderazzjoni tal-licenzja tas-Sur Spiteri ahna waqafna fl-ewwel kriterju cioe` dak demografiku.”*

*“Issa, madanakollu, kif irriteniet il-Qorti fil-kawza “Reginald Fava et vs Awtorita’ Dwar il-Medicini et”:*

*“Izda l-Qorti m’ghandhiex il-mansjoni li tevalwa hi stess l-applikazzjoni u tiddeciedi fuqha minhabba li jekk taghmel dan tkun qed tuzurpa l-funzjonijiet amministrattivi. Certament tali decizjoni trid tittiehed mal-kriterji kollha stabbiliti fil-ligi u certament mhux applikabbli freezes ammistrattivi f’dan l-istadju. Il-kompetenza tal-Qorti hija limitata biex tordna li tittiehed decizjoni u biex thassar decizjoni, izda mhux biex hi stess tiehu d-decizjoni flok l-Awtorita` kompetenti. Jibqa’ f’idejn is-Supretendent tas-Sahha d-diskrezzjoni li jiehu d-decizjoni. Jekk imbaghad dik l-Awtorita` ma tiehux decizjoni kif titlob il-ligi, tista’ tigi mgieghla taghmel dan, izda dejjem l-Awtorita` li trid tiehu d-decizjoni u mhux il-Qorti, b’mod li d-diskrezzjoni riservata lill-ezekuttiv, trid tibqa’ f’idejn l-ezekuttiv.”*

*“Ghalhekk, il-Qorti, f’dawn il-proceduri, ser issegwi dak li ghamlet il-Qorti f’dik il-kawza u tordna lit-Tabib Principali tal-Gvern jezercita dik id-diskrezzjoni lilu moghtija bil-ligi. Huwa biss wara li l-istess decizjoni tkun ittiehdet li din il-Qorti tkun tista’ tindaga oltre ghar-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti.*

*“Ghaldaqstant, il-Qorti tordna lill-intimat Tabib Principali tal- Gvern, sabiex fi zmien xahar mil-lum, jinfurmaha permezz ta’ nota fir-Registru dwar id-decizjoni tieghu”.*

*“Rat in-nota tal-intimati kollha tat-23 ta’ Marzu, 2012, li permezz taghha l-ewwel Qorti giet informata illi ma kinux f’pozizzjoni li jilqghu t-talba tal-atturi ghall-hrug ta’ licenzja ta’ spizerija kif mitlub minnhom.*

*“Rat is-sentenza finali tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ April, 2015, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti qatghet u ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati, laqghet it-tielet u r-raba’ talbiet attrici u ghalhekk ordnat lit-Tabib Principali tal-Gvern jaghti licenzja lil Joseph Spiteri sabiex ikun jista’ jopera spizerija mill-fond “Norcynthjos”, Triq Analija, San Pawl il-Bahar, u dan fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mit-Tabib Principali tal-Gvern.*

*“Dik il-Qorti tat din l-ahhar sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*“… illi permezz ta’ din il-kawża r-rikorrenti qed jitolbu li l-Qorti tordna l-ħruġ ta’ liċenzja għall-spiżerija, liċenzja li qed tiġi miċħuda lilhom mill-intimati. Din il-Qorti, fl-ewwel sentenza minnha pronunzjata kienet ordnat li l-proċessar tat-talba tagħhom issir fi żmien xahar. Dan baqa’ ma sarx.*

*“L-Art. 469A jipprovdi illi:*

*“"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta’ kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita:*

*“Iżda, ħlief f’dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa’ ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta’ din it-tifsira.”*

*“Mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti għandhom pendenti mal-awtoritajiet sanitarji talba għall-ħruġ ta’ liċenzja ta’ spiżerija f’San Pawl il-Baħar, talba li l-ewwel ma saret kien fl-1995.*

*"Ikkunsidrat illi f'dak iż-żmien ir-regolamenti viġenti, Dispensary (Licensing) Regulations, kienu jimponu kwota ta' spiżeriji għal kull raħal, liema kwota f'dak iż-żmien kienet diġà sodisfatta. Għalhekk it-talba tar-rikorrenti tpoġġiet fuq 'waiting list' .*

*"Ikkunsidrat illi permezz ta' Avviż Legali 117 tal-1996 ir-regolamenti viġenti ġew emendati b'dana illi thassar ir-Regolamenti Nru. 5 li kien jimponi 'l fuq imsemmija kwota, b'hekk il-ligi wasslet ghal-liberazzjoni kompleta tas-settur. Wara xi dizgwid ma' operaturi fis-settur, l-awtoritajiet immedjatament imponew "administrative freeze" fuq licenzji godda.*

*"Kif xehed Mark Cilia, Direttur tal-Ispettorat fi hdan l-Awtorità tal-Medicini:*

*"Diment li kien hemm l-administrative freeze, l-applikazzjonijiet ma kienux qed jigu processati. Sa fejn naf jiena, il-freeze kienet amministrattiva u ma kienx hemm xi avviz legali li jissanciha. Qed nigi mistoqsi jekk permezz tal-avviz legali numru 117/96, gewx liberalizzati l-licenzji tal-ispizeriji, dan kien l-avviz li emenda l-pharmacy licensing regulations. Mill-avviz legali kien tnehha d-demographic ratio."*

*"Sussegwentement, gie promulgat l-Avviz Legali 279 tal-2007, li rega' mpona demographic ratio ta' spizerija wahda ghal kull 2500 persuna. Din il-kundizzjoni ma jirrizultax li nghatat effett retroattiv.*

*"Minn dan kollu jirrizulta, ghaldaqstant illi l-uniku ostakolu li kien qieghed jiffaccja l-applikant kien il-politika imposta ta' "administrative freeze", li ma kienet ibbazata fuq ebda ligi vigenti. Dwar din ix-xorta ta' "policy" il-Qorti fil-kawza Nazzareno Fenech vs Chairman ghan-nom tal-Awtorità dwar it- Trasport Pubbliku (9 ta' Marzu 2001) kellha hekk xi tghid:*

*"…. id-decizjoni li tkun michuda t-talba tieghu ttiehdet fuq bazi ta' 'policy' li ma kienitx specifikata u mfissra kif trid il-ligi; ghalhekk id-decizjoni kienet wahda 'ultra vires'."*

*"L-istess l-Ombudsman specifikament dwar din l-administrative freeze kellu dan x'jiddikjara:*

*"7. Administrative law in Malta is based on the concept of the rule of law. Regulations have the vetting (or blessing of Parliament which is the highest authority and alone competent to introduce restrictions at law. The regulations as they can stand specify the conditions that must be satisfied for the grant of a pharmacy licence. Once these are satisfied, the licence cannot be withheld. The adminsitrative decision that imposed the freeze could be an acceptable interim measure provided it is a short term measure. Since the freeze did not have the 'blessing' of Parliament, its retention as a matter of policy is 'ultra vires'."*

*"Ikkonkluda hekk l-Ombudsman:*

*"It seems to me that is extremely difficult for the administration to argue that the freeze under review is justified according to these criteria. For the best part of ten year at least complainant and others in his situation have been deprived of the exercise of their fundamental right to exercise the profession of their choice without apparently being given a reasonable, plausible and just explanation for such an extreme restriction. It would appear that complainanta' s fundamental right to work and to trade has been put in deep freeze, in circumstances in which the principles of proportionality can hardly be invoked. Since the freeze has now lasted ten years, I again stronly urge the Health Division to resolve the present impasse. Considering that in my opinion the freeze in question constitutes a violation of fundamental human rights or, at least is a threat to them. I am recommending that such solution be reached as soon as possible."*

*"Ma jirrizulta lil Qorti ebda raguni ghac-cahda kontinwa li sofra r-rikorrenti ghajr il-fuq imsemmi "policy". Inoltre, r-raguni li sussegwentement regghu gew imposti kundizzjonijiet ohra, kif isostni l-intimat, ma hijiex, fic-cirkostanzi, gustifikabbli. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Reginald Fava vs Awtorità dwar il-Medicini et (16 ta' Lulju 2012).*

*"Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti il-Qorti tqis li fil-mansjoni taghha prezenti dawn ma jistghux jigi meqjusa. Huma ta' kompetenza esklussiva tal-Prim'Awla tal- Qorti Civili fil-mansjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali taghha".*

*"Rat ir-rikors tal-appell tat-Tabib Principali tal-Gvern li permezz tieghu gew appellati z-zewg sentenzi fil-kawza fl-ismijiet premessi, tat-23 ta' Frar, 2012, kif ukoll dik tad-29 ta' April, 2015 u ghalhekk intalab minn din il-Qorti illi:*

*"(i) jew li tigi riformata s-sentenza tat-23 ta' Frar, 2012, billi tigi kkonfermata in kwantu lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-Ministru tas-Sahha, Kompettività u Komunikazzjoni, lill-Prim Ministru u lill-Avukat Generali u tipprovdi minflok billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tieghu fis-sens li l-kawza odjerna hija perenta u konsegwentement thassar u tirrevoka d-decizjoni tad-29 ta' April, 2015;*

*"(ii) jew alternattivament tirriforma s-sentenzi appellati tat-23 ta' Frar, 2012, u tad-29 ta' April, 2015, billi (a) tikkonferma s-sentenza tat-23 ta' Frar 2012, in kwantu lliberat lill-Ministri tas-Sahha, Kompettività u Komunikazzjoni, lill-Prim Ministru u lill-Avukat Generali; (b) tikkonferma s-sentenza tad-29 ta' April, 2015, in kwantu ddecidiet li l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu meqjusa minn din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni prezenti taghha; u (c) billi thassar u tirrevoka s-sentenzi tat-23 ta' Frar, 2012, u tad-29 ta' April, 2015, fil-*

*kumplament taghhom u minflok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.*

*"Rat ir-risposta tal-atturi appellati, li permezz taghha talbu li ghar-ragunijiet kollha elenkati minnhom fl-istess risposta, id-decizjonijiet moghtija mill-ewwel Qorti tat-23 ta' Frar, 2012, u tad-29 ta' April, 2015, huma gusti u ekwi u jimmeritaw li jigu kkonfermati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra t-Tabib Principali tal-Gvern.*

*"Rat illi d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell in kwistjoni fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2017, li baqa' differit ghas-sentenza.*

*"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.*

*"Ikkonsidrat:*

*"Illi l-azzjoni attrici hija wahda ta' stharrig gudizzjarju, peress li wara li l-attur appellat applika ghal-licenzja biex jiftah spizerija fis-6 ta' Novembru, 1995, fir-rigward ta' proprjetà illi huwa ghandu f'San Pawl il-Bahar, l-ewwel risposta li nghata kienet li l-applikazzjoni tieghu ma tistax tintlaqa' skont ir-regoli vigenti dak iz-zmien u ghalhekk kien qieghed jitpogga fuq "waiting list". Sussegwentement, minkejja li kienu kemmxejn liberalizzati l-licenzji tal-ispizeriji, meta fit-28 ta' Settembru, 2005, l-attur appellat rega' staqsa dwar l-applikazzjoni originali tieghu, u dan wara li nhariglu permess ghall-ftuh ta' spizerija da parti tal-Awtorità ghall-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA), gie mgharraf li l-applikazzjoni tieghu ma setghetx tigi kkonsidrata f'dak l-istadju peress li kien hemm "administrative freeze on applications to keep a dispensary", b'dan illi l-applikazzjoni tieghu baqghet tigi mizmuma fuq "waiting list".*

*"L-attur appellat hassu aggravat b'dan kollu, u kien ghalhekk li ressaq il-kaz tieghu quddiem l-Ombudsman li da parti tieghu kkonkluda r-rapport fuq il-kaz fl-14 ta' Mejju, 2006. Fil-konkluzjoni tar-rapport tal-Ombudsman jinghad li, ghalkemm ma jezistux ragunijiet sodi sabiex jinghad li l-attur appellat ghandu dritt ghall-hrug ta' licenzja ghal spizerija fuq il-bazi ta' "No Objection" li nghatat mid-Dipartiment tas-Sahha ghall-applikazzjoni tieghu mal-MEPA, peress li kien ben konsapevoli tad-decizjoni amministrattiva li ma jigux processati applikazzjonijiet, fl-istess waqt huwa wera l-fehma li din il-friza amministrattiva setghet possibiliment tikkostitwixxi ksur ta' drittijiet fundamentali, u ghalhekk irrakkomanda li tinstab soluzzjoni. Ghalkemm sussegwentement l-atturi appellati interpellaw ufficjalment lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha, dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom jipprocedu bl-azzjoni in ezami. L-atturi appellati jsostnu li l-agir tal-konvenuti jivvjola d-drittijiet taghhom skont il-Kostituzzjoni ta' Malta u skont il-principji generali tal-ligi Ewropea. Jghidu wkoll li l-istess agir huwa ultra vires in kwantu mhux awtorizzat li jitwettaq jew jikkostitwixxi abbuz tas-setgha, peress li sar*

*ghal ghanjiet mhux xierqa jew mhux relevanti u/jew imur mod iehor kontra l-ligi. Jitolbu r-rimedji mehtiega, fosthom li tigi pprocessata l-applikazzjoni u mahruga l-licenzja in kwistjoni, kif ukoll li jinghataw kumpens ghall-ksur tad-drittjiet taghhom.*

*"It-Tabib Principali tal-Gvern, bhala l-konvenut appellant hass ruhu aggravat kemm bid-decizjoni parzjali tal-ewwel Qorti, limitatament sa fejn inghad fiha li l-azzjoni attrici mhix milquta bit-terminu perentorju ta' sitt xhur, kif mahsub taht l-Artikolu 469A(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll bid-decizjoni finali sa fejn laqghet it-tielet u r-raba' talbiet attrici u ordnatlu sabiex fi zmien xahrejn, jaghti licenzja lill-attur appellat sabiex ikun jista' jopera spizerija.*

*"Ghandu jinghad mal-ewwel, li sa fejn hadd mill-partijiet ma appella mis-sentenzi in kwantu gew illiberati l-Ministri tas-Sahha, Kompettività u Komunikazzjoni, il-Prim Ministru u l-Avukat Generali, kif ukoll sa fejn gew michuda l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, fejn inghad li ma setghux jigu meqjusa mill-ewwel Qorti, in kwantu huma ta' kompetenza esklussiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-mansjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali taghha, dawn illum jikkostitwixxu gudikat fil-konfront tal-partijiet.*

*"Huwa opportun li ghalhekk jigi trattat l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant, dak li jattakka s-sentenza tat-23 ta' Frar, 2012, fejn cahdet l-eccezzjoni preliminari tieghu li l-kawza hija perenta bid-dekors tat-terminu ta' sitt xhur, li huwa terminu ta' dekadenza. Isostni li fil-konfront tal-allegazzjoni attrici li huwa agixxa ultra vires, dan jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 469A(1)(b), li ghalih japplika t-terminu perentorju ta' sitt xhur, u dan kif jipprovdi l-Artikolu 469A(3) (u mhux (4) kif f'certu punt gie indikat fir-rikors tal-appell mill-konvenut appellant). Jispjega li mill-atti tal-kawza jirrizulta li wara li l-attur appellat applika ghal-licenzja fis-6 ta' Novembru, 1995, huwa kien informat minnufih li l-applikazzjoni tieghu kienet ser titpogga fuq "waiting list". Ghalhekk isostni li l-atturi appellati kienu ilhom jafu bid-decizjoni amministrattiva sa mill-1995, ferm qabel ma giet intavolata l-azzjoni odjerna fit-13 ta' Ottubru, 2006. Kwindi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet din l-eccezzjoni tieghu.*

*"Da parti taghhom l-atturi appellati filwaqt li jiccitaw bran mis-sentenza li jitratta din l-eccezzjoni, jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet gusta fil-konkluzjoni taghha, peress li kif inghad minnha, gia ladarba n-nuqqas ilmentat minnhom kien wiehed kontinwu u perdurat, kif ukoll ladarba l-konvenuti ma kienux proceduralment korretti billi eccepew sia l-perjodu ta' preskrizzjoni, sia l-perjodu ta' dekadenza, tali eccezzjoni ma kienitx timmerita li tigi kkonfermata. L-atturi appellati jirreferu ghall-omissjoni da parti tal-konvenut appellant li da parti tieghu injora r-rapport tal-Ombudsman li jikkostitwixxi opinjoni ta' certu portata legali kif jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385 tal-Ligijiet ta' Malta), tant li l-applikazzjoni tieghu baqghet milquta bi*

*friza amministrattiva. Jikkontendu li tenut kont tal-fatt li l-kawza saret inqas minn sitt xhur wara li nghatat l-opinjoni tal-Ombudsman, jehtieg li jigi determinat ukoll jekk tali perjodu impost mil-ligi kienx applikabbli ghall-kaz in ezami. Dan apparti l-fatt li tali terminu ma japplikax meta l-allegazzjoni tkun tirrigwarda ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanciti bil-Kostituzzjoni.*

*"Jibda billi jigi osservat li proprju fuq dan l-ahhar punt, li ghalkemm huwa minnu li t-terminu perentorju ta' sitt xhur mhux applikabbli ghall-kazijiet ta' stharrig gudizzjarju dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, imsejsa fuq l-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12, kif inghad qabel, sa fejn l-ilmenti attrici ssejsu fuq ksur ta' drittijiet fundamentali, dawn gew michuda u gia ladarba ma sar ebda appell fir-rigward, mhux imholli li din il-Qorti tinvesti dan l-aspett tal-vertenza ulterjorment. Ghalhekk din is-sottomissjoni tal-atturi appellati ma tregix.*

*"In kwantu ghall-perjodu ta' sitt xhur stipulat taht l-Artikolu 469A(3), jigi mtenni li dan il-perjodu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' semplici preskrizzjoni. Dan jinsab spjegat sew kemm fis-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet* ***Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et****, kif ukoll f'dik aktar recenti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet* ***Ragonesi & Company Limited pro. et. noe. v. Koporazzjoni Enemalta et*** *fejn inghad ukoll:*

*"Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrott jew sospiz bhalma jigri fil-kaz ta' terminu ta' preskrizzjoni. Ghalhekk atti gudizzjarji li normalment jitqiesu tajbin biex jinterrompu perjodu preskrittiv, jew il-fatt li tkun ghaddejja korrispondenza jew li ssir diskussjoni bejn il-partijiet wara li jkun sar l-ghemil amministrattiv, ma jservi xejn biex jinterrompi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmija fil-ligi. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet Co-Op Services Limited v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku u dik tat-23 ta' Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et)".*

*"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dan ifisser li la l-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet fil-kawza, la l-proceduri quddiem l-Ombudsman u lanqas l-ittra ufficjali pprezentata in atti ma setghet isservi ta' interruzzjoni jew sospensjoni tat-terminu preskritt fil-ligi.*

*"Imiss li jigi trattat il-punt minn meta beda ghaddej il-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur. L-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 jipprovdi illi kawza sabiex twaqqa' ghemil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) tal-istess artikolu, ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti, hija tal-fehma li l-konvenut appellant wettaq zewg decizjonijiet f'zewg cirkostanzi distinti*

*li jinsabu kontestati fil-proceduri in ezami. L-ewwel decizjoni hija dik fir-rigward tal-applikazzjoni originali li saret mill-attur appellat fil-bidu ta' Novembru, 1995. Ghal din l-applikazzjoni kien hemm twegiba mibghuta fit-8 ta' Jannar, 1996, mid-Dipartiment tas-Sahha fejn inghad:*

*"I am directed to inform you that in terms of the Dispensaries (Licensing Regulations 1984) as amended your request cannot be entertained for the time being. However it will be placed on the waiting list".*

*"Din kienet l-ewwel decizjoni fejn l-applikazzjoni tal-attur appellat tpoggiet fuq waiting list minhabba dak li jigi msejjah bhala ratio demografiku li kien vigenti dak iz-zmien. M'hemmx dubju li t-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur ghadda bil-kbir minn meta ttiehdet din id-decizjoni.*

*"Sussegwentement, permezz tal-Avviz Legali 117 tas-sena 1996, thassar ir-regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar il-Licenzjar ta' Spizeriji u b'hekk tnehhiet l-impozizzjoni tal-kwota demografika, kif precedentement imposta permezz tal-Avviz Legali 31 tas-sena 1984, li kien jipprovdi:*

*"In every town or village the number of dispensaries shall not exceed the ratio of one dispensary for every three thousand inhabitants:*

*"Provided that the number of dispensaries which may be licensed in any town or village shall not be less than two:*

*"Provided further that a licence for a dispensary may be granted in the case of a newly developed area with more than one thousand inhabitants if there is no dispensary within five hundred metres, calculated as the shortest walking distance, of the nearest part of such area".*

*"Izda fil-verità wara li gie revokat dan ir-regolament, dahlet fis-sehh mizura amministrattiva li tirrizulta sew minn ittra mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika, datata 11 ta' Ottubru, 2005. Din l-ittra ntbaghtet bi twegiba ghal ittra li ntbaghtet mill-attur appellat fit-28 ta' Settembru, 2005, fejn kien qieghed jinforma lid-Direttur Generali fit-Taqsima tas-Sahha li issa li kellu permess mill-MEPA li jiftah spizerija, kien qieghed jitlob li tkompli tigi pprocessata l-applikazzjoni tieghu 57/95/27, izda hawn gie informat bit-tieni decizjoni, cioè illi:*

*"Reference is made to your letter dated 28th September, 2005, regarding subject in caption. **Your application cannot be considered for the time being as there is an administrative freeze on applications** to keep a dispensary. However your application is being held on the waiting list".*

*"Fil-proceduri quddiem l-Ombudsman, l-attur appellat ilmenta li huwa qatt ma kien ircieva din it-twegiba, izda mill-istess atti jirrizulta li l-Ufficcju tal-Ombudsman bghatlu kopja ta' din ir-risposta fit-22 ta' Novembru, 2005, li l-attur appellat ikkonferma li rcieva permezz ta' ittra datata 23 ta' Novembru, 2005. L-Artikolu 469A(3) ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur isir jaf bid-decizjoni amministrattiva. Kieku l-legislatur kellu intenzjoni li dan il-perjodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tigi milquta b'ordni amministrattiva tigi informata b'mod ufficjali u bil-miktub, certament il-legislatur kien jaghmilha esplicita. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet* ***Denis Tanti v. Ministru ghall-Izvilupp Socjali et****). Dan ifisser li tabilhaqq meta l-atturi appellati intavolaw l-azzjoni odjerna fit-13 ta' Ottubru, 2006, kienu ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta gew infurmati b'din l-ahhar decizjoni wkoll, u ghalhekk l-azzjoni hija tassew perenta.*

*"Kull wahda minn dawn iz-zewg decizjonijiet kienet relevanti, peress li fl-ewwel kaz kienet tirrifletti decizjoni amministrattiva a bazi ta' ligi (Avviz Legali 31 tas-sena 1984), filwaqt li t-tieni decizjoni amministrattiva ttiehdet minghajr ma jirrizulta li kien hemm ebda provvediment legali ghaliha. Madankollu din il-Qorti hija marbuta li tapplika t-termini legali rizultanti mil-ligi u ghall-provi rizultanti mill-atti, u mill-provi jirrizulta car li l-azzjoni attrici hija perenta.*

*"Huwa minnu li l-konvenuti appellanti ressqu kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll dik ta' dekadenza, izda fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn kienu eccezzjonijiet li kellhom jigu investiti sew u mhux semplicement imwarrba ghar-raguni li tressqu simultanjament. Id-distinzjoni bejn iz-zewg istituti ma kienx wiehed semplicement akkademiku kif inghad mill-ewwel Qorti, peress li ladarba kif inghad qabel, l-Artikolu 469A(3) jipprovdi ghal perjodu ta' dekadenza, dan kuntrarjament ghall-kaz ta' preskrizzjoni, ma jistax jigi interrot jew sospiz. Kwindi din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta cahdet l-eccezzjoni ta' dekadenza peress li fil-fehma taghha l-ghemil ilmentat kien wiehed kontinwu u perdurat. L-azzjoni attrici hija wahda ta' stharrig gudizzjarju fil-konfront ta' zewg decizjonijiet amministrattivi ben distinti, f'cirkostanzi differenti dik tal-1995 u dik tal-2005, li minnhom skatta l-perjodu ta' dekadenza u mhux kwistjoni ta' ghemil kontinwat. Ladarba l-azzjoni attrici saret wara li ghadda l-imsemmi perjodu ta' sitt xhur, dik il-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti appellanti.*

*"In kwantu ghall-punt imqajjem mill-atturi appellati fir-rigward tal-proceduri quddiem l-Ombudsman, dawn ma seta' qatt ikollhom impatt fuq il-perjodu ta' dekadenza, kif suggerit minnhom. Il-fatt li l-kawza saret fi zmien sitt xhur mir-rapport finali tal-Ombudsman mhux relevanti, in kwantu l-istess rapport li rrakomanda li tinstab soluzzjoni, u l-fatt li friza amministrattiva baqghet fis-sehh, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jikkostitwixxix ghemil amministrattiv gdid jew ommissjoni ta'*

*twettieq ta' ghemil amministrattiv da parti tal-konvenut appellant, kif jittantaw jghidu l-atturi appellati fir-risposta tal-appell taghhom. Id-decizjoni tal-administrative freeze fil-konfront tal-applikazzjoni tal-atturi appellati kienet ilha li ttiehdet kif spjegat qabel, u l-fatt li l-konvenut appellant ma adottax ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, u li l-konvenut appellant baqa' inadempjenti, minkejja interpellazzjoni permezz ta' ittra ufficjali, ma jfissirx li t-terminu ta' dekadenza beda jiddekorri mil-gdid, peress li kif inghad qabel dan il-perjodu ma jistax jigi interrot jew sospiz.*

*"Konsidrat dan kollu, jirrizulta li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant huwa meritevoli li jintlaqa' u ghalhekk isegwi li ladarba tintlaqa' l-eccezzjoni ta' dekadenza, l-azzjoni attrici tispicca u ghalhekk din il-Qorti tinsab prekluza milli tinvesti ulterjorment il-kaz.*"

12. Illi, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu t-tħassir tas-sentenza attakkata taħt żewġ kawżali minn fost dawk maħsuba fl-artikolu 811 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. L-ewwel waħda hija l-kawżali li s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin (art. 811(e)); filwaqt li t-tieni kawżali hija dik li s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811(l));

13. Illi l-ewwel osservazzjoni li għandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[3]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti

[3] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***

m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

14. Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

15. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi[4];

16. Illi **dwar il-kawżali li s-sentenza applikat il-liġi ħażin** (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrenti jgħidu li din il-Qorti, fis-sentenza li tagħha qiegħed jitlob it-tħassir, għamlet ħażin li rabtet iż-żmien ta' dekadenza ta' sitt xhur għall-azzjoni tagħhom mad-data tar-rifjut tal-intimat ritrattat bla ma qieset iż-żmien li matulu l-każ tagħhom kien tressaq quddiem l-

[4] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**) u App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et***

Ombudsman u sa ma ngħatat id-deċiżjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jirreferu għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(5) tal-Att dwar l-Ombudsman[5], marbut mal-artikolu 13(7) tal-istess Att. Huma jgħidu li, fis-sentenza attakkata, din il-Qorti messha applikat dawn id-dispożizzjonijiet biex tqis jekk kienx minnu li l-azzjoni tagħhom kienet waqgħet bid-dekadenza maħsuba fl-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u dan ma għamlitux;

17. Illi, fil-qosor, l-argument tar-rikorrenti taħt din il-kawżali hu li, wara li l-intimat ritrattat għal darb'oħra ċaħad it-talba tagħhom għall-ħruġ ta' liċenza għal spiżerija fil-fond tagħhom f'San Pawl il-Baħar fil-11 ta' Ottubru, 2005, huma ressqu lment mal-Uffiċċju tal-Ombudsman biex hu jistħarrġu u jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar dik iċ-ċaħda. Il-liġi (sewwasew fl-artikolu 13(5) tal-Kap 385) tgħid li l-Ombudsman ma għandux jgħaddi biex jinvestiga xi lment (jew ikollu jwaqqaf investigazzjoni mibdija) jekk kemm-il darba l-kwestjoni li titressaq quddiemu jkun tressaq dwarha xi proċediment quddiem qorti jew tribunal ieħor. Għalhekk, huma jgħidu li, sakemm l-Ombudsman kien qiegħed iqis l-ilment tagħhom, ma setgħux jiftħu l-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bla ma jġibu b'hekk it-twaqqif tal-proċess quddiem l-Ombudsman. Huma jgħidu li, ladarba l-Ombudsman ta d-deċiżjoni tiegħu fl-14 ta' Mejju, 2006, u l-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju fetħuha fit-13 ta' Ottubru, 2006, jiġi li s-sitt xhur li trid

[5] Kap 385

il-liġi ma kinux għalqu u l-azzjoni tagħhom tressqet fiż-żmien. Iqisu li s-sentenza attakkata warrbet dan kollu u rabtet il-kunsiderazzjonijiet tagħha biss mal-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 bla ma qieset xejn aktar, b'mod partikolari, li ż-żmien li matulu l-ilment tagħhom kien qiegħed quddiem l-Ombudsman kellu jitqies bħala żmien li żamm jew issospenda t-terminu ta' sitt xhur li fih kellhom iressqu l-kawża tagħhom;

18. Illi għal dan l-aggravju l-intimat ritrattat jgħid li din il-kawżali tar-rikorrenti biex iġibu t-tħassir tas-sentenza attakkata ma tiswiex. Fl-ewwel lok, iqisu li, b'din il-proċedura tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jippruvaw jiftħu mill-ġdid il-kwestjoni tal-apprezzament tal-fatti, meta l-proċedura tar-ritrattazzjoni mhijiex mogħtija biex isir eżerċizzju bħal dan. Fit-tieni lok, jgħid li r-rikorenti nfushom jaċċettaw li l-liġi li kienet tgħodd għall-każ f'din il-kwestjoni partikolari – dik dwar jekk l-azzjoni tagħhom waqgħetx għaliex tressqet wara ż-żmien – kienet sewwasew il-liġi li din il-Qorti ħaddmet fis-sentenza attakkata, imma li huma ma qablux mal-interpretazzjoni li din il-Qorti għamlet ta' dik il-liġi;

19. Illi, kif ingħad bosta drabi, din il-Qorti tgħid li biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f'dik is-sentenza, id-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda

ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

20. Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi mħaddma liġi li ma kinitx tapplika għall-każ. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet;

21. Illi l-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[6], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba, kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[7];

---

[6] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[7] Mattirolo *Trattato di Diritto Giudiziario Civile* (1904), Vol. IV, par. 1043

22. Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-ksur tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[8]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *e' la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a falsa applicazione e' sempre positiva; e' un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*"[9];

23. Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina tagħha. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranità tal-ġudikant u, bħala tali, m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[10]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[11]. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi[12] – sewwasew

---

[8] Merċieca <u>*Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi*</u> (2005), Kap 6, paġ. 126
[9] Borsari <u>*Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato*</u> (1872), f'par. 648
[10] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[11] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)

b'riferenza għall-kawżali maħsuba fil-paragrafu (e) tal-arikolu 811 – trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jsemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost kienet applikata[13]. Fil-kawża tal-lum, ir-rikorrenti jagħmluha ċara li din il-Qorti naqset li tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 13(5) u 13(7) tal-Kapitolu 385 tal-Liġijiet ta' Malta;

24. Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[14]. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[15] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti. Fil-każ li għandna quddiemna, ma jidhirx li hemm nuqqas ta' qbil dwar il-fatti, u jidher li l-qofol tal-kwestjoni bejniethom kienet dwar l-effetti legali ta' dawk il-fatti fuq is-siwi tal-azzjoni mibdija mir-rikorrenti u sa meta kellha tinbeda biex tkun konformi ma' dak li trid il-liġi;

---

[12] Art 816 tal-Kap 12

[13] App. Ċiv. **24.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella et***

[14] App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn

[15] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

25. Illi, fil-każ li għandna quddiemna, fis-sentenza attakkata tas-26 ta' Jannar, 2018, din il-Qorti qieset tabilħaqq in-natura tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Jidher ukoll li r-rikorrenti ma jiċħdux li l-azzjoni tagħhom kienet waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-imsemmi artikolu 469A. Għalhekk, ma hemmx kwestjoni li l-artikolu 469A(3) kien il-liġi t-tajba li kellha titqies ladarba l-intimat ritrattat kien qajjem l-eċċezzjoni tal-azzjoni tardiva. Dak li r-rikorrenti jilmentaw minnu hu li din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, ma qieset bl-ebda mod li d-dispożizzjonijiet imsemmija tal-Kapitolu 385 kienu jimpeduhom milli jressqu l-azzjoni tagħhom qabel ma jkun hemm deċiżjoni min-naħa tal-Ombudsman, bla ma kienu jsibu ma' wiċċhom jew l-eċċezzjoni li l-azzjoni tagħhom tressqet qabel il-waqt jew, saħansitra, li l-Ombudsman kien ikollu jwaqqaf milli jqis aktar l-ilment tagħhom ladarba jkunu fetħu l-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Qorti;

26. Illi l-Qorti tifhem sewwa l-argument imressaq mir-rikorrenti. Tifhem ukoll id-dilemma li jsib ma' wiċċu min jinsab f'qagħda bħal tagħhom, ladarba jrid jagħżel bejn proċedura w oħra. Imma dik l-għażla toħroġ mir-rieda tal-liġi u hija waħda ċara sewwasew minħabba l-effetti tagħha. Proċediment imressaq quddiem l-Ombudsman jista' jwassal għal rapport b'rakkomandazzjoni lill-amministrazjoni pubblika dwar l-

ilment li jkun tressaq quddiemu. Proċediment ta' stħarriġ ġudizzjarju jwassal għal sentenza li tista' tkun eżegwibbli mill-parti rebbieħa. Għalhekk, għandu jkun ċar li l-proċediment tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u dak quddiem l-Ombudsman mhumiex il-kontinwazzjoni ta' "*iter*" proċedurali wieħed, imma, għall-kuntrarju, huma proċedimenti paralleli li ma jiddependux il-waħda mill-oħra[16];

27. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kundiserazzjonijiet, din il-Qorti ma tifhimhiex bħar-rikorrent. F'din il-proċedura ta' smigħ mill-ġdid ta' kawża, dak li jiswa hu li s-sentenza attakkata ma tkunx ħaddmet liġi li tgħodd għall-każ, mhux li ma tħaddimx liġi oħra li setgħet kienet tgħodd u ma ntużatx. Dan jgħodd safejn il-liġi li ma tkunx tħaddmet ma tkunx waħda li ġġib fix-xejn il-liġi li l-Qorti tkun inqdiet biha taħt ir-regola li *lex specialis derogat generalis*. Il-karattru ta' dekadenza fiż-żmien tas-sitt xhur maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 kien il-qofol li wassal lil din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, biex issib li l-azzjoni tar-rikorrenti kienet saret wara ż-żmien utli. Jidher ukoll li, sa ċertu punt, din il-Qorti qieset ukoll dan l-aspett tal-proċeduri quddiem l-Ombudsman li jsemmu r-rikorrenti meta qalet: "*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, dan ifisser li la l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet fil-kawża, la l-proċeduri quddiem l-Ombudsman u lanqas l-ittra uffiċjali ppreżentata in atti ma setgħet isservi ta' interruzzjoni jew sospensjoni tat-terminu*

[16] Ara art. 24 tal-Kap 385

*preskritt fil-liġi*"[17]. Għalhekk, dan joħloq dubju dwar kemm jgħidu sewwa r-rikorrenti meta jilmintaw li din il-Qorti bl-ebda mod ma ikkunsidrat id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-Ombudsman;

28. Illi, dejjem b'rabta ma' din il-kawżali ta' ritrattazzjoni, ir-rikorrenti jgħidu li f'każ ieħor jixbhu din il-Qorti iddeċidiet mod ieħor dwar din it-tifsira tal-liġi. Huma jiċċitaw sentenza "mogħtija wkoll minn dina l-Onorabbli Qorti proprju ftit jiem wara illi fiha ġiet deċiża l-kawża" tagħhom[18], u fejn jgħidu li din il-Qorti sabet li ż-żmien ta' sitt xhur taħt l-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 li minnu beda jgħadi ż-żmien li fih l-attur seta' jressaq l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, kien beda għaddej minn dakinhar li l-President tar-Repubblika bagħtitlu ittra biex tgħarrfu li l-ilment tiegħu dwar il-promozzjonijiet mogħtija ma kienx mistħoqq. Ir-rikorrenti jargumentaw li, bħalma fil-każ ta' ***Mallia*** t-terminu ta'sitt xhur beda għaddej minn meta l-President (kariga mogħnija b'setgħat diretti taħt il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta) tat id-deċiżjoni tagħha, hekk ukoll fil-każ tagħhom ta' lment imressaq quddiem l-Ombudsman (li wkoll igawdi setgħat diretti taħt il-Kostituzzjoni) din il-Qorti (fis-sentenza attakkata) messha ħaddmet l-istess kejl;

29. Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument, sewwasew għaliex ma tarax ix-xebh fil-każ tallum mal-każ imsemmi mir-rikorrenti.

[17] Ara paġ 18 tas-sentenza attakkata
[18] App. Ċiv. **30.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Logutenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta et***

It-tressiq ta' lment minn uffiċjal fl-Armata lill-President tar-Repubblika huwa parti mill-proċedura ta' lmenti maħsuba mil-liġi speċjali[19] u għalhekk – kif sabet din il-Qorti fl-imsemmija sentenza – id-deċiżjoni tagħha tikkostitwixxi parti mill-proċess intern tal-ilment tal-uffiċjal li jkun. Fil-każ tallum, imma, l-ilment lill-Ombudsman ma jikkostitwix parti mill-proċess intern għall-ħruġ ta' liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija (li kienet il-kwestjoni kollha li dwarha r-rikorrenti fetħu l-kawża għal stħarriġ ġudizzjarju) taħt il-Kapitolu 458 tal-Liġijiet ta' Malta jew xi leġislazzjoni sussidjarja tiegħu, u għalhekk ma jistax isir tqabbil fejn iċ-ċirkostanzi fattwali u legali huma għal kollox differenti minn xulxin;

30. Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrent għat-tħassir tas-sentenza fuq il-bażi tat-tħaddim ta' liġi ħażina;

31. Illi **dwar il-kawżali tas-sentenza milquta minn żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża** (Art. 811(l) tal-Kap 12), ir-rikorrenti jilmintaw mill-fatt li s-sentenza attakkata ma qieset bl-ebda mod l-ewwel talba attriċi, li għaliha ma kienx jgħodd it-terminu tas-sitt xhur maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jqisu dan bħala żball ċar li joħroġ mill-atti tal-kawża u li l-fatt li s-sentenza attakkata injorat għal kollox dak li ntalab fl-ewwel talba attriċi jġib miegħu il-konsegwenza li din il-Qorti ma ratx dak li kien quddiem

[19] Art 160(2) tal-Kap 220

għajnejha. L-intimat ritrattat ma ressaq l-ebda sottomissjoni tiegħu dwar din il-kawżali fir-Risposta tal-Appell;

32. Illi huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha[20] u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;

33. Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-artikolu 811[21], li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[22]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha,

[20] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi vs Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.i.137**)
[21] Ara App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)
[22] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit vs Michael Żammit Tabona et***

għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[23];

34. Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[24]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[25];

35. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mar-rikorrenti lanqas dwar din il-kawżali. Dan tgħidu għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, huwa fatt li joħroġ ukoll mill-atti tal-kawża li, dwar l-ewwel żewġ talbiet attriċi, kienet ingħatat deċiżjoni mill-ewwel Qorti (fis-sens li ma kinux ta' kompetenza tagħha u ma setgħetx tilqagħhom) u ħadd mill-partijiet ma appella minn dik il-parti tas-sentenza. Dan ifisser, għalhekk, li s-sentenza appellata ma tgħid xejn li mhux minnu meta tikkostata dwar din iċ-ċirkostanza u tgħid li, safejn jirrigwarda l-ewwel żewġ talbiet, il-kwestjoni saret ġudikat bis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti. Fit-tieni lok, din il-Qorti jidhrilha li l-ilment tar-rikorrenti dwar l-iżball safejn jolqot

[23] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe vs Mary Camilleri et***
[24] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[25] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca***

l-ewwel talba tagħhom mhuwiex mistħoqq għaliex jidher li jissejjes fuq il-fehma li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju msejsa fuq ksur tal-Kostituzzjoni – art. 469A(1)(a) tal-Kap 12 – tinkludi wkoll azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Jidher ċar li l-ewwel talba attriċi kienet titkellem dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti biċ-ċaħda tat-talba tagħhom għall-ħruġ ta' liċenza għall-ispiżerija tagħhom;

36. Illi din il-Qorti tqis li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 il-ksur li jista' jkun hemm taħt il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta ma jirriferix għal ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet maħsuba fil-Kapitolu IV tal-istess, imma għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni[26]. Dan kollu jġib miegħu l-effett li din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, ma setgħet qatt tqis ukoll l-ewwel talba attriċi hi u tara jekk l-istess azzjoni attriċi kinitx waqgħet billi tressqet wara ż-żmien, sewwasew għaliex dik l-ewwel talba ma kienx hemm postha f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

37. Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrenti lanqas taħt din il-kawżali ma jistħoqqilha tintlaqa';

[26] Ara. Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***

38. Illi ladarba m'hemmx raġunijiet tajbin li għalihom is-sentenza attakkata għandha titħassar, lanqas hemm raġunijiet tajbin biex l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid;

39. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** miżżewġin Spiteri, għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kontra tagħhom, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tal-imsemmija sentenza u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Lawrence Mintoff<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm